# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 732/2019/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Antoine Bugeja**

Illum 22 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Antoine Bugeja**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0196182(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-23 ta' Awwissu 2019 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa l-Ajruport Internazzjonali u wkoll f'dawn il-Gżejjer:

1. ostakola d-dħul għal xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ;

2. uża l-kodiċi ta' dħul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'kompjuter jew b'xi mod kiser kwalunkwe miżura ta' sigurta' sabiex jakkwista aċċess mingħajr awtorizzazzjoni għas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, minbarra l-piena applikabbli, tapplika Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' malta għall-ħarsien u protezzjoni tal-persuna allegatament vittma f'dan il-każ.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Mejju 2022 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 337Ċ(1)(d) u (i) u 337F(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa ta' elfejn Euro (€2,000). Billi ma ġie maħtur l-ebda espert jew perit fil-proċeduri, l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell billi* ***TĦASSAR U TIRREVOKA*** *s-sentenza appellata li sabet lill-appellant ħati taż-żewġ imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement* ***TILLIBERAH*** *minn kull ħtija u piena; jew alternattivament* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-*parte civile* Chantelle Bugeja u l-appellant Antoine Bugeja kienu miżżewġin u minn dan iż-żwieġ kellhom it-tfal. Ir-relazzjoni tagħhom bdiet tmur lura u bdew proċeduri ta' separazzjoni. Fit-23 ta' Awwissu 2019 il-*parte civile* irrapurtat fl-Għassa tal-Pulizija tal-ajruport li nnutat li xi messaġġi fil-pjattaforma soċjali ewlenija kienu qed juru li nqraw mingħajr ma hija tkun fetħithom. Hija qalet ukoll li nnutat li xi ħadd kien daħal fil-kont tal-*email* tagħha minħabba li sabet it-*trash-bin* vojt. Tispjega li hija qatt ma tiżvojta t-*trash bin*. Tgħid ukoll li l-*email* tad-19 ta' Awwissu 2019 fejn ġiet avżata bil-bidla tal-*password* kienet ġiet imħassra mingħajr ma hija kienet qatt qrat din l-*email*.

Illi fix-xiehda tagħha (*a fol.* 22 *et seq.*) il-*parte civile* **Chantelle Bugeja** tispjega kif xi żmien qabel u ċioè f'xi nofs Awwissu 2019 kienet ġiet ikkuntattjata mill-appellant fejn talabha sabiex issellfu *mobile* waqt li kien ser ikun imsiefer minħabba li tiegħu kien inkiser. Tgħid li hija sellfet il-*mobile* il-qadim tagħha lill-appellant u li fl-20 ta' Awwissu 2019 bdiet tinnota li xi messaġġi kienu qed jiġu mmarkati moqrija meta hija ma tkunx qrathom b'dan illi damet sal-jum tal-Ġimgħa 23 ta' Awwissu 2019 sakemm indunat li xi ħaġa kienet ħażina. Tispjega li meta kienet ix-xogħol indunat mis-*settings* li kien hemm *mobile* differenti li kien qed jidħol fil-profil tagħha. Tgħid li bdiet titħasseb ta' kif setgħet ma tarax l-*email* mill-pjattaforma soċjali fejn ġiet infurmata li s-*settings* tagħha kienu nbidlu. Kien f'dak il-mument li daħlet fil-kont tal-*email* tagħha u ndunat li t-*trash-bin* kien vojt. Wara dan hija ċemplet lis-*Cybercrime Unit* u ġiet infurmata li kellha tagħmel rapport fl-

Għassa tal-Pulizija u wara ntalbet tibgħat *email* dettaljat li l-istess unit. Tgħid li filgħaxija rat lill-appellant l-ajruport u dan beda jheddidha li fil-proċeduri ta' separazzjoni huwa ried aktar flus minħabba li kellu l-informazzjoni tagħha.

Illi minn naħa tiegħu l-appellant jgħid li jum minnhom huwa kien id-dar qed isajjar meta sema t-tifel jilmenta u meta ra l-*mobile* li kien qed jilgħab bih it-tifel kien hemm ritratti indeċenti u minħabba f'hekk huwa ħadlu dan il-*mobile*. Jispjega li dan il-mobile ngħata lit-tifel mill-*parte civile*.

Illi permezz tal-appell tiegħu l-appellant iressaq aggravji fir-rigward:

- tal-apprezzament tal-provi; u

- fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Illi, fir-rigward tal-apprezzament tal-provi, l-appellant jisħaq li huwa ma kellu jipprova xejn u li kien oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju raġonevoli. Jargumenta wkoll li *ai termini* ta' Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa għandu jgawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza. Huwa jilmenta li hemm numru ta' nuqqasijiet fil-provi u b'mod partikolari jilmenta li mill- atti proċesswali:

- ma jirriżultawx iċ-*chats* li allegatament kienu f'idejh u lanqas inġabu provi li hu kellu f'idu ċ-*chats* u jgħid li lanqas ma tressaq jixhed l-unika persuna li ra dawn iċ-*chats* u ċioè hu l-*parte civile*;

- ma tressqet l-ebda prova li hu għamel użu miċ-*chats*;

- ma tressqet l-ebda prova li l-*Gmail account* fil-verita' ġie aċċessat minħabba li ma taw l-ebda informazzjoni;

- ma tressqet l-ebda prova li l-*password* tal-*Facebook* jew tal-*Gmail* inbidlet;

- ma saritx analiżi tad-*devices* li daħlu fl-*account* tal-*parte civile* u lanqas saret tfittxia fil-proprjeta' tiegħu (tal-appellant) jew ta' Darren Grech.

Illi l-appellant jargumenta wkoll li fl-opinjoni tiegħu hemm inkonsistenzi fil-verżjoni mogħtija minn Chantelle Bugeja. Jilmenta li qed tipprova toskurah u tgħid li jobgħodha. Minkejja dan hija sellfet *mobile* qadim tagħha lilu. F'dan ir-rigward jgħid li allura l-verżjoni l-aktar verosimili hija dik li ressaq huwa.

Illi l-appellant isostni li l-*parte civile* għandha natura manipulattiva u jissostanzja dan permezz tal-fatt li hija tgħid li staqsiet lit-tifel tagħha dwar jekk rax xi ħaġa ħazina fil-*mobile* u huwa ċaħad. Skont l-appellant il-fatt li hija rrekordjat dan l-avveniment juri n-natura tagħha. Huwa jsemmi wkoll il-fatt li l-Melita taw żewġ indirizzi minn fejn kien hemm aċċess tal-*account* tal-*parte civile*: wieħed minn dawn l-indirizzi kien fejn toqgħod il-*parte civile* waqt li t-tieni indirizz kien ta' ċertu Darren Grech. Dan ta' l-aħħar jaħdem bħala Inġinier tal-kompjuters u għalhekk kien l-iktar wieħed li għandu għarfien dwar dan is-settur.

Illi l-appellant jargumenta li l-aktar verżjoni plawsibbli hija dik li meta l-eks mara tiegħu tat il-*mobile* lil binha hija nsiet toħroġ mill-*account* tagħha b'dana allura li meta ħa l-*mobile* minn għand ibnu spiċċa jara ċ-*chats* ta' martu. Skont l-appellant dan ifisser li huwa ma ħhekkja l-ebda *account*.

Illi fuq punti aktar legali l-appellant jargumenta li l-imputazzjonijiet li ġie mixli bihom ma japplikawx għal fatti ta' dan il-każ. Jargumenta li Artikolu 337Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jsemmi l-kelma *computer* b'mod speċifiku u li l-leġislatur kien qed jirregola l-użu tal-*computer* u għalhekk l-użu mhux xieraq tal-*mobile* mhux kopert.

Illi l-appellant jgħid li l-azzjonijiet tiegħu jistgħu ipotetikament jaqgħu taħt artikoli oħra iżda dawn ma ssemmewx mill-Prosekuzzjoni. Huwa jkompli jargumenta li sabiex jissussisti r-reat irid jkun hemm il-*mens rea* u l-*actus reus* u f'dan il-każ hemm dubju raġonevoli ta' min għamel il-*hacking*.

Illi dwar il-fatt li Chantelle Bugeja spiċċat bla aċċess għal *Facebook Messenger*, l-appellant jisħaq li hija ndunat li xi ħadd kellu aċċess għal *Messenger Account* tagħha għax il-messaġġi kienu qed jiġu immarkati moqrija mingħajr ma kienet tkun qrathom. Ikompli jgħid li dan ifisser li hija xorta kellha aċċess għall-*accounts* in kwistjoni u li għalhekk l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu mhijiex mistħoqqa.

Illi l-appellant jisħaq ukoll li t-tieni (2) imputazzjoni hija żbaljata minħabba li skont il-*parte civile* xi ħadd biddel il-*password* tal-kont tagħha. Jispjega li l-fatti ma jikkorrispondux mal-imputazzjoni li hu kien dak li biddel il-*password*.

Illi dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, l-appellant jisħaq li ma hemmx provi li huwa kiseb xi vantaġġ jew ipprova jikseb xi vantaġġ u li għalhekk il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar il-piena kienu żbaljati

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda apprezzament tal-provi li jinkludu punti legali. Dwar l-apprezzament tal-provi hija ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk minn tali provi hija setgħet tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-13 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Matthew Degabriele (**Numru 430/13) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "6. L-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-

ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti."

Konsiderazzjonijiet dwar l-Ewwel (1) Imputazzjoni:
Illi l-appellant jilmenta, fost l-oħrajn, li l-ewwel (1) imputazzjoni ma tapplikax għall-użu ħażin tal-*mobile*. Permezz tal-ewwel (1) imputazzjoni, l-appellant ġie mixli li kiser Artikolu 337Ċ(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta waqt li permezz tat-tieni (2) imputazzjoni ġie mixli li kiser Artikolu 337Ċ(1)(i) tal-istess Kapitolu.

Illi Artikolu 337Ċ(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

"Persuna li mingħajr awtorizzazzjoni tagħmel xi wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu –

[...]

(d) tipprevjeni jew tostakola d-dħul għal xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ;

[...]

(i) tuża l-kodiċi ta' dħul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'*computer* jew b'xi mod tikser kwalunkwe miżura ta' sigurtà sabiex takkwista aċċess mingħajr awtorizzazzjoni għas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha;

> […].”

Illi dwar jekk dawn l-artikoli japplikawx għall-użu ħażin tal-*mobile*, din il-Qorti tinnota li minkejja li hemm verżjonijiet differenti jidher li huwa paċifiku li l-appellant kellu f'idu l-*mobile* l-qadim tal-*parte civile*. Dwar jekk dan l-apparat jikkwalifikax bħala terminu *computer* din il-Qorti tirreferi għad-definizzjoni ta' *"computer"* li hemm f'Artikolu 337B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "*"computer"* tfisser apparat elettroniku li jwettaq funzjonijiet ta' loġika, aritmetika u memorja billi jimmanipola impulsi elettroniċi jew manjetiċi, u tinkludi kull *input*, *output*, proċessar, ħżin, *software* u faċilitajiet ta' komunikazzjoni li huma konnessi jew relatati ma' *computer* f'sistema ta' *computer* jew *computer network.*"

Illi din il-Qorti tikkunsidra li ma saritx analizi tal-apparati elettroniċi tal-*parte civile* u ta' Darren Grech. Stabbilit dan, mir-rapport (Dok. "MS 1" – *a fol.* 53 *et seq.*) li ġie mħejji mis-*Cybercrime Unit* jirriżulta li l-kont tal-*parte civile* ġie aċċessat minn aktar minn indirizz wieħed ta' IP. Din Il-Qorti tifhem li l-apparat li ntuża sabiex wieħed jaċċessa dan il-kont bilfors kellu jintuża funzjoni ta' loġika, aritmetika u memorja billi jimmanipola impulsi elettroniċi jew manjetiċi. Li kieku ma kienx hekk din il-konnessjoni ma setgħetx issir. Konsegwentement l-argument in eżami dwar il-*mobile* qed ikun miċħud.

Illi l-appellant jilmenta li sabiex jitwettqu r-reati li ġie mixli bihom ried bilfors ikun hemm l-*actus reus* u l-*mens rea.* Jispjega li f'dan il-kuntest hemm dubju raġonevoli jekk kienx fil-fatt huwa li wettaq il-*hacking*. Dwar dan l-argument din il-Qorti tinnota li l-elementi kostituttivi sabiex iseħħ ir-reat prospettat taħt Artikolu 337Ċ(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma s-segwenti:

- nuqqas ta' awtorizzazzjoni; u

- prevenzjoni jew ostakolu tad-dħul għal jew xi
  - *data*, jew
  - *software*, jew
  - dokumentazzjoni ta' appoġġ;
- f'xi *computer*.

Illi dak li għadu kemm ingħad ġie rikonoxxut ukoll fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-23 ta' April 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 770/2005). Tenut kont tal-elementi msemmija hawn fuq, fir-rigward tal-każ odjern jirriżulta hekk:

- L-appellant jgħid li l-*mobile* ħadu lit-tifel tiegħu waqt li l-*parte civile* tgħid li sellfitlu l-*mobile* hija stess. Iżda imkien ma hemm imsemmi li l-*parte civile* tat il-permess tagħha sabiex wieħed jidħol fil-profil tagħha ta' *Messenger* jew li xi ħadd jidħol fil-kont *Gmail* tagħha. Għalhekk l-element dwar in-nuqqas ta' awtorizzazzjoni jirrizulta sodisfatt.

- Kellu jiġi sodisfatt ukoll li kien hemm prevenzjoni jew ostakolu tad-dħul għal, f'dan il-każ, *data*. Mill-atti jirriżulta li l-*Facebook Account* tal-*parte civile* ġarrab *password reset* (*a fol.* 62) u skont l-istess *parte civile* dan ma kienx magħmul minnha. Dan il-punt ma ġiex ikkontestat mill-appellant. Għalhekk l-element marbut mal-prevenzjoni jew ostakolu tad-dħul għal xi *data*, jirriżulta ppruvat bil-konsegwenza li l-elementi kostituttivi tar-reat in kwistjoni jirriżultaw ippruvati.

Illi ċċarat dan, sabiex jiġi ndirizzat l-ilment imqajjem mill-appellant rigward min wettaq ir-reat, ġialadarba hemm nuqqas fil-provi, fis-sens li ma hemmx analiżi tal-apparati elettroniċi tal-partijiet kollha involuti, din il-Qorti trid bil-fors tistħarreġ jekk

mill-provi indizzjarji li hemm in atti, jirriżultax b'mod univoku li l-azzjoni twettqet mill-appellant. Din il-Qorti tgħid dan wkoll minħabba li fl-appell tiegħu l-appellant jipponta subgħajh lejn Darren Grech.

Illi din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-appellant b'xi mod jew ieħor kellu aċċess għal messaġġi li kien hemm fil-profil tal-*parte civile*. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti huwa ampjament ippruvat mix-xiehda mogħtija minn William Curmi Cassar u b'mod partikolari fejn (*a fol.* 155) meta qed jitkellem dwar il-kwistjoni tal-perit jgħid li l-appellant qallu li jaf bih dak il-messaġġ. Iżda dan ma jippruvax li l-*hacking* u l-bdil tal-*password* tal-*Facebook Account* tal-*parte civile* wettqu l-appellant.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-kont tal-*parte civile* ġie aċċessat minn tliet indirizzi IP. Wieħed minn dawn l-indirizzi IP kien tal-*parte civile* stess waqt li t-tnejn l-oħra, wieħed kien fuq isem l-appellant u l-ieħor kien indirizz IP fuq Darren Grech. Mis-sunt ta' attivitajiet tal-kont ta' *Facebook* tal-*parte civile* jirriżulta li fid-19 ta' Awwissu 2019 kien hemm *password reset* fil-kont tagħha (*a fol.* 65).

Illi dan it-*tempo* jaqbel ma meta l-kont tal-*parte civile* ġie aċċessat mill-indirizz IP ta' Darren Grech. Għalhekk jidher ċar f'għajnejn din il-Qorti li dan l-aċċess kien is-sors tal-bidla fil-*password* tal-kont tal-*parte civile*. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, ixejjen l-ilment tal-appellant li ma nġabitx prova li l-*password* tal-*Facebook Account* ma nbidlitx.

Illi stabbilit dan din il-Qorti tirreferi għax-xiehda mogħtija minn Darren Grech (*a fol.* 176 *et seq.)* fejn l-ewwel jgħid li huwa ltaqa' mal-appellant għal xi sagħtejn fil-flat ta' San Pawl il-Baħar però meta ġie mistoqsi jekk damux aktar, huwa jgħid li ma jiftakarx eżatt. Din il-Qorti tinnota li f'temp ta' siegħa u nofs il-kont tal-*parte civile* ġie aċċessat xejn inqas minn sitt darbiet mill-indirizz IP ta' Darren Grech. Din il-Qorti mhijiex konvinta mill-verżjoni mogħtija minn Darren Grech li huwa ta l-*password* lill-appellant u dana minħabba li wara dawn is-sitt aċċessi kien hemm pawsa u

reġa' kien hemm aċċess ieħor madwar sitt (6) siegħat wara. Tajjeb jingħad li Darren Grech xehed li l-appellant ma raqadx għandu.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti filwaqt li l-ewwel sitt tentattivi jistgħu ipotetikament jikkoinċidu mal-preżenza tal-appellant, l-aħħar waħda saret barra minn dan il-kuntest. Dan il-fatt jħasseb lil din il-Qorti u meta din il-Qorti tqabbel dawn it-tentattivi mas-sunt tal-attivitajiet li hemm fl-atti proċesswali u li jidhru *a fol.* 65, jirriżulta ċar x'kienet ir-raġuni tal-pawsa. Fil-fatt din il-Qorti tinnota li x'aktarx min kien qed iwettaq il-*hacking* kien qed jistenna l-*email* minn *Facebook* tal-*password reset* li ntbagħtet fil-23.38. Tant huwa hekk li reġgħet saret *password reset* oħra. Xhieda ta' dan huwa l-*email* minn *Facebook* ta' 23.41. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aġir huwa riżultat tal-fatt li *Facebook* għal xi raġuni jew oħra damu ma bagħtu l-*email* in kwistjoni u huwa proprju f'dan il-kuntest li jagħmel sens li l-*account* reġa' ġie aċċessat l-għada filgħodu u ċioè sabiex jiġi vverifikat jekk il-*password reset* kinitx suċċess.

Illi minbarra dan din il-Qorti tikkritika lill-Prosekuzzjoni li naqset milli tagħmel analiżi tal-apparati elettroniċi kollha in kwistjoni sabiex jiġi determinat min kien li daħal fil-profil tal-*parte civile*. Tenut kont ta' dan kollu fil-fehma ta' din il-Qorti jeżisti dubju raġonevoli jekk kienx l-appellant jew Darren Grech li wettqu l-att li jibdlu l-*password* tal-kont tal-*parte civile*. Għalhekk hemm raġuni sabiex din il-Qorti tilqa' l-aggravju in kwistjoni sa fejn jirrigwarda l-ewwel (1) imputazzjoni.

<u>Konsiderazzjonijiet dwar it-Tieni (2) Imputazzjoni</u>:
Illi permezz tat-tieni (2) imputazzjoni l-appellant ġie mixli li huwa għamel użu tal-kodiċi ta' dħul, *password,* isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni mingħajr awtorizzazzjoni.

Illi aktar 'il fuq din il-Qorti diġà esprimiet ruħha dwar il-fatt li fil-fehma tagħha l-appellant kellu f'idu l-messaġġi li kienu ntbgħatu lill-*parte civile* fuq il-profil tagħha. Il-*parte civile* tgħid li fl-20 ta' Awwissu 2019 bdiet tara messaġġi li kienu mmarkati bħala li nqraw mingħajr ma kienet immarkathom hija. Din il-Qorti

tikkunsidra li l-unika wieħed li kellu interess jaqra l-messaġġi tal-*parte civile* kien l-appellant bil-konsegwenza li sabiex qara dawn il-messaġġi kellu jagħmel użu mill-isem tal-*parte civile* mingħajr il-permess tagħha.

Illi magħdud ma' dan din il-Qorti taqbel mar-raġunament magħmul mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata rigward l-aċċess li sar mill-indirizz IP 231.217.192.42 u kif l-Ewwel Qorti rabtet dan max-xiehda mogħtija mill-*parte civile*. L-użu ta' dan l-indirizz IP jikkonvinċi b'mod konklussiv lil din il-Qorti li wara li nbidlet il-*password*, l-appellant daħal fil-kont tal-*parte civile* u ra l-messaġġi tagħha.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti lanqas l-allegazzjoni li l-appellant beda jara l-messaġġi minħabba li l-*parte civile* ħalliet il-*mobile* tagħha miftuħ ma hi ta' fejda. Anke li kieku għall-grazzja tal-argument (u għall-grazzja tal-argument <u>BISS</u>) dan kien il-każ (li din il-Qorti ma temminx li kien il-każ), dan ma jfissirx li l-appellant kellu l-permess jara l-messaġġi tal-*parte civile*. F'każ simili kien jinkombi fuq l-appellant li, per eżempju, jagħmel *log out*. Jekk persuna f'din iċ-ċirkostanza tidħol fil-*Messenger* xorta tkun qed tuża l-isem u l-*password* tal-parti l-oħra mingħajr permess minħabba li l-*mobile* jkun qed jagħmel kuntatt mal-pjattaforma abbażi tal-informazzjoni maħżuna fuqu, liema informazzjoni ma tkunx ingħatat b'permess espliċitu.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma li mhux minnu kif jgħid l-appellant li ma nġabitx prova li ċ-*chats* kienu f'idu. F'dan ir-rigward din il-Qorti tqis li x-xiehda ta' William Curmi Cassar hija biżżejjed. L-appellant jilmenta wkoll li ma tressqet l-ebda prova li l-*Gmail Account* ġie aċċessat. Fuq dan l-ilment, din il-Qorti ma tarax li dan għandu konsegwenza fuq it-tieni (2) imputazzjoni minħabba li l-provi tal-aċċess tal-messaġġi fuq *Facebook* huma biżżejjed. B'hekk din il-Qorti tqies li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment ssib li bl-azzjonijiet tiegħu l-appellant wettaq ir-reat kontemplat fit-tieni (2) imputazzjoni.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, l-ewwel aggravju ser jiġi milqugħ biss fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni b'dan illi l-istess aggravju mhux ser jintlaqa' fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu, li kif diġà ngħad aktar 'il fuq jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, l-appellant jisħaq li ma hemm l-ebda prova li huwa verament ħa xi vantaġġ jew ipprova jieħu xi vantaġġ u jisħaq ukoll li s-separazzjoni ġiet konkluża bonarjament qabel ingħatat is-sentenza in kwistjoni u li b'hekk, skont hu, huwa evidenti li kieku din is-suppożizzjoni ma saritx mill-Ewwel Qorti, kieku l-piena kienet tkun ferm inqas.

Illi dwar il-piena din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fid-29 ta' Ottubru 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Debono** (Numru 154/2017) fejn ingħad hekk:

> "5. Il-prinċipju regolatur fil-materja tal-piena huwa li mhux normali li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tiġi disturbata u mħassra jekk dik il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt."

Illi din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena. B'żieda ma' dan, din il-Qorti tinnota li minkejja li hija ser tillibera lill-appellant mill-ewwel (1) imputazzjoni, fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti applikat Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward taż-żewġ imputazzjonijiet li hija sabet ħtija fihom. Meta jiġi kkunsidrat dan u meta jiġi kkunsidrat ukoll li Artikolu 337F tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi li l-piena hija dik ta' multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin Euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) jew priġunerija għal żmien mhux iktar minn erba'snin, jew għal dik il-multa u priġunerija

flimkien, din il-Qorti tqies li l-multa ta' elfejn Euro (€2,000) erogata mill-Ewwel Qorti ma għandhiex tiġi varjata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Antoine Bugeja u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni (2) imputazzjoni;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u minflok tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjoni u minn kull ħtija u piena fir-rigward tagħha;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas multa ta' elfejn Euro (€2,000).

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**